MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 8/1996/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Margaret Saliba, Emanuela Bonett, Victor Falzon, Alexander Falzon, Kevin Falzon, Christopher Falzon, Anne Mansfield ghan-nom tal-assenti Noel Falzon, Ivan Carabott u Suor Agnesina Falzon**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta ili b'ittra ufficjali tat-23 t'April 1996 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fondi fil-Furjana Nru, 2, 3 u 5 Pjazza Sant'Anna, huma mehtiega ghall-Skopijiet Pubblikci u li l-akkwist taghhom ghandu jkun b'titolu ta' Dominju Pubbliku.

Illi l-intimati gew wkoll notifikati b’avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas b’titolu ta’ dominju pubbliku tal-fondi fuq imsemmijin huwa ta’ disgha u erbghin liri Maltin (Lm49) fis-sena ghall-fond Nru. 2, tlieta u tletin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm33.60) fis-sena ghall-fond Nru. 3, u tmienja u tletin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm38.50) fis-sena ghall-fond Nru 5 kif jidher mir-rapport tal-Perit J.Sciberras A & CE tat-23 t’Ottubru 1995 li estratt tieghu huwa anness mal-istess avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-13 ta’ Mejju 1996 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ dominju pubbliku l-fondi fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, kif jidher mir-rikors in esami kif ukoll mid-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta annessa a fol 13 tal-istess atti, ir-rikorrenti qed jakkwista l-fondi in kwisjoni b’titolu ta’ Dominju Pubbliku ossija “public tenure”.

Illi l-kumpens xieraq f’kazijiet bhala dak in desamina, hu stabbilit mill-Kapitolu 88 citat specifikatament fl-artikolu 27 (13) meta jinghad “Il-kumpens dwar l-akkwist ta’ xi art b’dominju publiku ghandu jkun daqs il-kera ta’ akkwist li dwarha jisthoqq skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (2) sa (12) kollha maghdudin ta’ dan l-artikolu

biz-zieda (a) tal-erbghin fil-mija (40%) fil-kaz ta' bini belti qadim". Illi, a fol 33 tal-atti jinsab esebit dokument ufficjali, mahrug mill-"Land Valutation Officer" minn fejn jirrisulta li l-kera ta' tnejn mill-postijiet in esami, cjoe dawk li kellhom in-numru 2 u 5, kien gie ffissat mill-Bord li jirregola il-kera fl-ammont ta' Lm35 u Lm27.50,0 fis-sena, rispettivament waqt li l-kera vis-à-vis il-post bin-numru 3 kien Lm24 fis-sena bhala "… quoted by you and accepted by this office as prevailing on the 31st March 1939 …..".

Illi minhabba dak premess, dan il-Bord ma jistax jikkonsidra dak li xehdu Alexander Falzon (fol 29 et seq ibid) u Victor Falzon (fol 28 ibid).

Ikkunsidra

Illi, originarjament, l-istess postijiet kienu gew akkwistati fil-15 ta' Ottubru 1985 b'titolu ta' uzu u pussess (ara fol 31 ibid). Sussegwentement, kif jidher a fol 13 ibid, dan it-titolu gie trasformat f'dominju publiku. Ghalhekk il-kumpens xieraq kif iffissat ghandu jibda' jopera mill-15 ta' Ottubru 1985.

Ikkunsidra

Illi a basi ta' dak premess jirrisulta li l-kumpens xieraq skond il-ligi "in materia" hu dak li gie offrut skond l-avviz ghall-ftehim anness a fol 4 tal-istess atti.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u :-

1. jordna lill-intimati biex jitrasferixxu lill-istess rikorrenti, b'titolu ta' dominju pubiku il-fondi numri 2, 3, u 5 f'Pjazza Sant Anna fil-Furjana.

2. jiffissa il-kumpens xieraq, in rigward il-fond numru 2, bhala Lm49 fis-sena in rigward il-fond numru 3 bhala Lm33.60,0 fis-sena u in rigward il-fond numru 5, bhala Lm38.50,0 kollha dekoribbli mill-15 ta' Ottubru 1985.

3. jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippublika l-att relattiv fis-sitta (6) ta' Mejju 2003 fid-9.a.m. u;

4. jinnomina lill-Avukat Dr Richard Sladden bhala kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.

In rigward l-ispejjes kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------